2025/2486

5.12.2025

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/2486

tal-1 ta' Diċembru 2025

li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mar-Repubblika Federali tan-Niġerja għal ftehim dwar il-kooperazzjoni fix-xjenza u t-teknoloġija

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 186, flimkien mal-Artikolu 218(3) u (4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Jenħtieġ li jinfetħu negozjati bil-ħsieb li jiġi konkluż ftehim dwar il-kooperazzjoni fix-xjenza u t-teknoloġija (il-"ftehim") mar-Repubblika Federali tan-Niġerja.

(2) L-iskambju tal-ittri bejn ir-rappreżentanti tal-Unjoni u r-Repubblika Federali tan-Niġerja, tas-6 ta' Ġunju 2024 u tas-26 ta' Ġunju 2024, ikkonferma x-xewqa taż-żewġ partijiet li jinfetħu negozjati għal ftehim bħal dan.

(3) Il-ftehim propost jipprovdi qafas importanti li jiffaċilita l-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u r-Repubblika Federali tan-Niġerja fl-oqsma prijoritarji konġunti kollha tax-xjenza u t-teknoloġija, u b'hekk iwassal għal benefiċċji reċiproċi. Għaldaqstant huwa fl-interess tal-Unjoni li tniedi negozjati għal ftehim dwar il-kooperazzjoni fix-xjenza u t-teknoloġija mar-Repubblika Federali tan-Niġerja,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kummissjoni hija b'dan awtorizzata tiftaħ negozjati għal ftehim dwar il-kooperazzjoni fix-xjenza u t-teknoloġija mar-Repubblika Federali tan-Niġerja.

Artikolu 2

Il-Kummissjoni hija b'dan maħtura bħala n-negozjatur tal-Unjoni.

Artikolu 3

In-negozjati għandhom jitmexxew b'konsultazzjoni mal-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riċerka u f'konformità mad-direttivi ta' negozjati stabbiliti fl-Addendum ta' din id-Deċiżjoni..

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Diċembru 2025.

Għall-Kunsill

Il-President

K. KALLAS